

Brussell, 12 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0399 (COD)**

**16772/25
ADD 3**

**ENER 677
TRANS 644
RELEX 1683
ECOFIN 1735
ENV 1384
CODEC 2126
IA 231**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	11 ta' Diċembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2025) 2001 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT [Pakkett dwar il-Grilji Ewropej] Li jakkumpanja d-dokument [Element obbligatorju] [Element obbligatorju]

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument SWD(2025) 2001 final.

Mehmuż: SWD(2025) 2001 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.12.2025
SWD(2025) 2001 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

[Pakkett dwar il-Grilji Ewropej]

Li jakkumpanja d-dokument

[Element obbligatorju]

[Element obbligatorju]

{COM(2025) 1006 final} - {SEC(2025) 2000 final} - {SWD(2025) 2000 final}

A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni

X'inhil problema u għalfejn hija problema fil-livell tal-UE?

L-infrastruttura tan-network tal-enerġija għandha rwol kruċjali fit-tisħiħ tal-kompetittività Ewropea, fl-iżgurar tas-sigurtà tal-Unjoni tagħna u fit-tranżizzjoni tal-enerġija u d-dekarbonizzazzjoni. In-networks tal-enerġija tal-UE qed jiltaqgħu ma' sfidi ġodda u sinifikanti fl-appoġġ ta' sistema tal-elettriku dejjem aktar elettrifikata, deċentralizzata, diġitalizzata u flessibbli, ikkaratterizzata minn sehem dejjem akbar ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli varjabbli. Il-Valutazzjoni tal-Impatt identifikat tliet problemi ewlenin.

L-ewwel nett, il-proġetti infrastrutturali eżistenti u ppjanati mhumiex immirati biżżejjed lejn l-ilħuq tal-oġġettivi tal-UE dwar l-enerġija u l-klima. Hemm distakk sostanzjali bejn il-ħtiġijiet tal-infrastruttura tal-elettriku transfruntieri tagħna u l-veloċità u l-livell attwali tal-iżvilupp tal-infrastruttura fil-livell kemm tal-grilja ta' trażmissjoni kif ukoll tal-grilja ta' distribuzzjoni. Għall-elettriku, nofs il-ħtiġijiet transfruntieri tal-elettriku għall-2030 (32 minn 66 GW) bħalissa mhumiex indirizzati, u din id-diskrepanza hija mistennija li tiżdied għal 37 GW sal-2040. In-nuqqas li jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-infrastruttura jista' jfjixkel id-dekarbonizzazzjoni tas-sistema, jimmina s-sigurtà tal-provvista u potenzjalment iwassal għal aktar frammentazzjoni tas-suq u prezzijiet oġhla tal-enerġija. Barra minn hekk, l-ippjanar u l-integrazzjoni mtejbja tan-network tal-idroġenu se jkun kruċjali biex jiġu żgurati l-ottimizzazzjoni tas-sistema u d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija.

It-tieni, l-implimentazzjoni tal-proġetti tal-infrastruttura, tal-enerġija rinnovabbli u tal-ħżin kif ukoll tal-istazzjonijiet tal-irriċarġjar miexja bil-mod wisq, u dan qed iżid il-kostijiet ġenerali tal-proġett u qed jimpedixxi d-dekarbonizzazzjoni tas-sistema. It-tlestija tal-proġetti tal-infrastruttura tal-elettriku tiegħu sa 7.5 snin għall-grilji ta' distribuzzjoni u sa 10 snin għall-grilji ta' trażmissjoni. Għal proġetti transfruntieri, jista' jkun kemm dewmien minħabba diffikultajiet biex jintlaħaq ftehim dwar il-kondiviżjoni tal-kostijiet meta l-proġetti jwasslu għal benefiċċji barra mill-Istati Membri fejn qed isiru. Barra minn hekk, id-dewmien fil-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għadu jikkostitwixxi ostaklu ewlieni.

Fl-aħħar nett, jeżisti tħassib dwar is-sigurtà tal-infrastruttura. Inċidenti reċenti tas-sigurtà fiżika u ċibernetika enfasizzaw ir-riskju ta' atturi ostili li jimmiraw lejn l-infrastruttura tal-enerġija tal-Ewropa, b'implikazzjonijiet ta' kostijiet ekonomiċi u konsegwenzi għall-istabbiltà tas-sistema tal-enerġija tagħna. Hemm ukoll interess dejjem akbar minn atturi ta' pajjiżi terzi biex jinvestu fl-infrastruttura tal-enerġija tal-UE, li jista' jżid l-esponiment tal-UE għar-riskji relatati mas-sigurtà tal-enerġija. Apparti atti intenzjonati ta' sabotaġġ, ir-riskji emerġenti – inklużi l-perikli naturali u l-impatti relatati mal-klima – jaffettwaw ukoll ir-reżiljenza tal-infrastruttura tal-enerġija tal-UE.

Mingħajr azzjoni f'waqtha fil-livell tal-UE, skont il-qafas leġislattiv u ta' politika attwali dawn il-problemi x'aktarx li jippersistu jew ikomplu isiru agħar.

Objettivi: X'għandu jintlaħaq?

L-objettiv ġenerali tal-Pakkett dwar il-Grilji Ewropej huwa li jiżgura żvilupp f'waqtu u effiċjenti ta' infrastruttura tal-enerġija reżiljenti, enerġija rinnovabbli u flessibbiltà, inklużi stazzjonijiet tal-ħżin u tal-irriċarġjar, madwar l-UE. Dan se jippermetti lill-UE tilħaq l-oġġettivi tagħha dwar l-enerġija u l-klima, inkluż l-iżgurar tal-affordabbiltà tal-enerġija permezz ta' interkonnettività aħjar, u dan iwassal għal konverġenza tal-prezzijiet, prezzijiet tal-elettriku bl-ingrossa mnaqqsa u inqas volatilità tal-prezzijiet tal-elettriku, kif ukoll għal konnessjoni aċċellerata tal-ġenerazzjoni u tad-domanda. L-objettivi speċifiċi tal-inizjattiva

huma li: (i) jiġi żgurati li l-proġetti inklużi fil-pjanijiet għall-iżvilupp tan-network u magħżula bħala proġetti ta' interess komuni (PCI, projects of common interest) jew proġetti ta' interess reċiproku (PMI, projects of mutual interest) jindirizzaw il-ħtiġijiet identifikati tal-infrastruttura; (ii) jiġi ffaċilitati l-użu ta' għodod għall-kondiviżjoni tal-kostijiet għall-implimentazzjoni aktar rapida ta' proġetti ta' infrastruttura transfruntieri; (iii) jitqassru u jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi għall-proġetti tal-infrastruttura tal-enerġija, tal-enerġija rinnovabbli u tal-ħżin, kif ukoll għall-istazzjonijiet tal-irriċarġjar; u (iv) jissaħħu s-sigurtà fiżika u ċibernetika u r-reżiljenza tal-infrastruttura tal-enerġija transfruntiera.

X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?

L-infrastruttura tat-trażmissjoni tal-enerġija, u kulma jmur, il-grilji tad-distribuzzjoni tal-elettriku għandhom natura u impatt trans-Ewropej jew transfruntieri. In-natura interkonnessa tan-network Ewropew tal-enerġija teħtieġ koordinazzjoni mill-qrib tal-ippjanar nazzjonali u tal-UE. Ir-regolamentazzjoni nazzjonali waħedha mhijiex biżżejjed, peress li l-amministrazzjonijiet nazzjonali ma jistgħux jimmaniġġjaw l-ippjanar transfruntier tal-infrastruttura. Ippjanar effettiv fil-livell tal-UE jista' jtejjeb l-integrazzjoni ta' sorsi ta' enerġija nadifa, jindirizza l-ħtiġijiet tas-suq tal-elettriku u jiżgura s-sigurtà tal-provvista, u dan iwassal għal network aktar effiċjenti u jnaqqas il-ħtiġijiet tal-espansjoni tal-grilja.

L-azzjoni tal-UE dwar l-enerġija rinnovabbli skont id-Direttiva riveduta dwar l-Enerġija Rinnovabbli tipprovdi valur miżjud għax hija effiċjenti u effettiva aktar mill-azzjonijiet ta' Stati Membri individwali, filwaqt li tevita approċċ frammentat billi tindirizza t-tranżizzjoni tas-sistema tal-enerġija Ewropea b'mod ikkoordinat. Dan jiżgura tnaqqis nett tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, jisfrutta bis-sħiħ il-vantaġġi tal-ekonomiji ta' skala u l-kooperazzjoni teknoloġika fl-Ewropa u jagħti lill-investituri ċertezza f'qafas regolatorju għall-UE kollha.

B. Soluzzjonijiet

X'inhuma d-diversi alternattivi biex jintlaħqu l-oġġettivi? Hemm għażla li hi ppreferuta jew le?

Ġew identifikati tliet għażliet ta' politika biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' din l-inizjattiva: (1) **approċċ imsaħħaħ minn isfel għal fuq** b'intervent addizzjonali minimu fil-livell tal-UE u bidliet limitati fil-qafas leġiżlattiv u ta' politika attwali; (2) **bidla minn approċċ minn isfel għal fuq għal approċċ aktar minn fuq għal isfel bi tmexxija aktar b'saħħitha** mil-livell tal-UE u bl-introduzzjoni ta' bidliet aktar sinifikanti fil-qafas leġiżlattiv u ta' politika; u (3) **approċċ sħiħ minn fuq għal isfel** għal proġetti transfruntieri fuq skala kbira tal-infrastruttura u tal-enerġija, inklużi bidliet strutturali u istituzzjonali sostanzjali fl-*istatus quo* u grad oġġla ta' ċentralizzazzjoni u ta' razzjonalizzazzjoni fil-livell tal-UE.

Mingħajr preġudizzju għall-kunsiderazzjonijiet politiċi u l-proposta leġiżlattiva finali tal-Kummissjoni għall-Pakkett dwar il-Grilji Ewropej, u abbażi tal-valutazzjoni teknika u t-tqabbil tal-għażliet (ara t-Taqsimiet 6 u 7 tar-rapport dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt), filwaqt li l-għażla 3 tippreżenta xi benefiċċji, kollox ma' kollox, **l-għażla ta' politika 2 tidher bħala aktar effettiva, effiċjenti u koerenti** mal-qafas ta' politika ġenerali tal-UE. Huwa meqjus ukoll li jkollha prestazzjoni aħjar f'termini ta' **sussidjarjetà u proporzjonalità**.

L-għażla ta' politika 2 tkun tinvolvi diversi bidliet fil-qafas leġiżlattiv u ta' politika tal-UE, inklużi miżuri biex: (i) jiġu żgurati trasparenza, skrutinju u koordinazzjoni akbar tal-**ippjanar tan-network** kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali, jiġi introdott mekkaniżmu għat-tneħħija tad-diskrepanzi biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-infrastruttura, u jiġu inkorporati aħjar is-soluzzjonijiet mhux bil-fili u l-linji interni; (ii) tittejjeb it-trasparenza

u jissaħħu l-prinċipji biex tiġi **ffaċilitata l-kondiviżjoni tal-kostijiet** u jiġi stabbilit qafas għar-**raggruppament volontarju tal-proġetti**; (iii) jiġu introdotti emendi leġislattivi biex ikomplu jiġu **aċċellerati u ssimplifikati l-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi** għall-grilji transfruntieri, għall-grilji nazzjonali tat-trażmissjoni u għall-grilji tad-distribuzzjoni lokali kif ukoll għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli u tal-ħżin u għall-istazzjonijiet tal-irriċarġjar; (iv) jiġu introdotti rekwiżiti addizzjonali biex **tissaħħaħ is-sigurtà fiżika u ċibernetika** tal-infrastruttura tal-elettriku transfruntiera.

X'inhuma l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha?

Il-miżuri inklużi fl-għażla ppreferuta huma appoġġati b'mod wiesa' mill-partijiet ikkonċernati, li madankollu ma jaqblux bis-sħiħ dwar xi kwistjonijiet (ara l-Anness 2). Il-maġġoranza tar-rispondenti jaqblu li l-**qafas ta' governanza** attwali abbażi ta' pjanijiet ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network (TYNDP, ten-year network development plan), inklużi r-rwoli tal-partijiet ikkonċernati, għandu jiġi rivedut biex tissaħħaħ l-effettività. Barra minn hekk, madwar nofs ir-rispondenti jiddikjaraw li l-proċess attwali tat-TYNDP ma jirnexxilux jidentifika d-diskrepanzi kollha fl-infrastruttura. Il-partijiet ikkonċernati għandhom fehmiet diverġenti dwar jekk it-TYNDP għandux ikollu approċċ aktar minn fuq għal isfel għall-ippjanar tal-infrastruttura; l-operaturi tas-sistema għandhom it-tendenza li jippreferu l-*istatus quo*. Il-maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati kklassifikaw il-**ħruġ tal-permessi** bħala l-ostaklu ewlieni biex jiġi żgurat li l-grilja tal-Ewropa tiżviluppa kif meħtieġ għat-tranżizzjoni tal-enerġija. Il-partijiet ikkonċernati appellaw ukoll għal aktar azzjoni biex jitħaffef l-ħruġ tal-permessi għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli u tal-ħżin.

C. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta?

L-għażla ta' politika 2 hija mistennija li ġġib benefiċċji ekonomiċi, ambjentali u soċjali sostanzjali u tnaqqas il-kostijiet amministrattivi u ta' aġġustament għall-partijiet ikkonċernati.

L-għażla ta' politika 2 hija mistennija li tinvolvi **ffrankar sinifikanti fil-kostijiet tas-sistema tal-enerġija**. **Ippjanar imtejjeb tal-infrastruttura tal-enerġija** iwassal għal grilja aktar ottimali u reżiljenti, u dan jista' jwassal għal tnaqqis ta' madwar EUR 14-il biljun kull sena fil-kostijiet tas-sistema u ffrankar nett annwali ta' EUR 8 biljun kull sena għall-2040. **Qafas imtejjeb għall-kondiviżjoni tal-kostijiet** jiffaċilita l-materjalizzazzjoni u l-implimentazzjoni aktar rapida ta' proġetti transfruntieri, b'benefiċċji soċjoekonomiċi sinifikanti. Barra minn hekk, l-għażla ta' politika 2 hija mistennija li tnaqqas iż-**żminijiet għall-ħruġ tal-permessi** u b'hekk id-durata tal-implimentazzjoni tal-proġetti, u dan jiġġenera benefiċċji f'termini ta' kostijiet evitati tad-dewmien għall-promoturi tal-proġetti. Fl-aħħar nett, permezz ta' **sigurtà mtejjba tal-infrastruttura tal-enerġija**, l-għażla ta' politika 2 tista' ġġib benefiċċji f'termini ta' telf evitat tal-benesseri ekonomiku u tal-kostijiet tat-tiswijiet.

Dan l-iffrankar ikun ta' benefiċċju għall-konsumaturi, għall-produtturi tal-elettriku u għall-operaturi tas-sistema billi jtejjeb il-**kompetittività** u joħloq **benefiċċji soċjali**. Kostijiet aktar baxxi tas-sistema tal-enerġija jimmitigaw iż-żidiet fit-tariffi tan-network għall-konsumaturi, inkluża l-industrija. L-għażla ta' politika 2 ikollha wkoll impatt pożittiv fuq id-**diġitalizzazzjoni**, permezz tal-enfasi aktar qawwija tagħha fuq soluzzjonijiet mhux bil-fili u d-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi. Fl-aħħar nett, l-l-għażla ta' politika 2 hija mistennija li **tnaqqas il-kostijiet amministrattivi u ta' aġġustament** għan-negozji (inklużi l-ġeneraturi tal-enerġija, il-promoturi tal-proġetti, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni (TSO, transmission system operators) u n-Networks Ewropej għall-Operaturi tas-Sistemi ta' Trażmissjoni (ENTSO, European Network of Transmission System Operators))

permezz tar-razzjonalizzazzjoni tal-ippjanar tal-infrastruttura, tal-proċessi ta' applikazzjoni u ta' evalwazzjoni għall-proġetti ta' interess komuni (PCI, project of common interest) u għall-proġetti ta' interess reċiproku (PMI, project of mutual interest) kif ukoll tal-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi. Fir-rigward tal-**benefiċċji ambjentali**, l-għażla ta' politika ppreferuta tista' twassal għal tnaqqis fl-emissjonijiet tad-CO₂ (madwar 27 miljun tunnellata kull sena).

X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta?

Il-valutazzjoni tindika li l-għażla ta' politika 2 mhijiex mistennija li jkollha impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali sinifikanti. Madankollu, xi miżuri jistgħu jinvolvu kostijiet limitati ta' **konformità addizzjonali** għal ċerti partijiet ikkonċernati. Għan-**negozji**, l-għażla ta' politika 2 tista' tinvolvi kostijiet amministrattivi u ta' aġġustament addizzjonali għat-TSOs u għall-promoturi tal-proġetti, relatati mar-rwol tagħhom fl-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura u s-segwitu tagħha kif ukoll mar-rekwiżiti ġodda ta' rapportar relatati mas-sigurtà. Dawn il-kostijiet jew ikunu limitati jew jiġu kkompensati permezz ta' miżuri oħra, inkluż li l-Kummissjoni tiegħu f'idejha ċerti kompiti tal-ippjanar mill-ENTSOs, frekwenza mnaqqsa u simplifikazzjoni tat-TYNDP, u proċessi ta' applikazzjoni simplifikati għall-PCIs/PMIs. Proċeduri simplifikati u diġitalizzati għall-ħruġ tal-permessi jnaqqsu wkoll il-piż amministrattiv għan-negozji. Filwaqt li l-iffrankar annwali tal-kostijiet għan-negozji ma jistax jiġi stmat bis-sħiħ peress li d-data rilevanti ma kinitx disponibbli, jista' jiġi konkluż li l-għażla ta' politika 2 twassal għal iffrankar rikorrenti tal-kostijiet. Barra minn hekk, l-inizjattiva mhijiex mistennija timponi kostijiet addizzjonali għaċ-**ċittadini**.

Għall-Istati Membri u għall-awtoritajiet nazzjonali, l-għażla ta' politika 2 toħloq kostijiet amministrattivi addizzjonali fuq terminu qasir, relatati mal-implimentazzjoni tal-qafas leġislativ rivedut (ara hawn taħt). Fl-aħħar nett, l-għażla ta' politika 2 se tinvolvi kostijiet addizzjonali **għall-Kummissjoni u għall-Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija** (ACER, Agency for the Cooperation of Energy Regulators), li jkollhom rwol akbar fl-ippjanar tal-infrastruttura.

X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?

Din l-inizjattiva mhijiex mistennija li jkollha implikazzjonijiet speċifiċi fuq il-kompetittività tal-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (SMEs, small and medium-sized enterprises) minbarra l-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq dwar il-kompetittività. L-espansjoni u l-immodernizzar tan-network tal-grilja tal-UE flimkien ma' żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli se jtejbu l-aċċess għall-elettriku u se jżidu l-provvista, għall-benefiċċju tal-atturi kollha inklużi l-SMEs. Dan se **jnaqqas il-kostijiet tas-sistema tal-enerġija** għall-konsumaturi kollha u b'hekk jista' jnaqqas il-kostijiet tal-provvista.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

L-għażla ta' politika 2 hija mistennija li jkollha impatt limitat fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti. L-Istati Membri jista' jkollhom jallokaw riżorsi addizzjonali biex jappoġġaw il-proċess rivedut tal-**kondivizzjoni tal-kostijiet**, b'mod partikolari biex jippermettu lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jwettqu valutazzjonijiet u jieħdu deċiżjonijiet dwar proġetti potenzjali u jinvolvu ruħhom fir-regolamentazzjoni ta' proġetti barra mit-territorju tagħhom. Jistgħu jkunu meħtieġa wkoll riżorsi addizzjonali biex jiġu implimentati d-**dispożizzjonijiet riveduti dwar l-ħruġ tal-permessi**, inkluż biex l-awtoritajiet tal-ħruġ tal-permessi jiġu mgħammra bil-persunal, bil-ħiliet u bl-għodod meħtieġa. Madankollu, dawn il-kostijiet addizzjonali fuq terminu qasir huma mistennija li jiġu kkompensati permezz ta' benefiċċji f'termini ta' proċeduri razzjonalizzati, aktar sempliċi, aktar rapidi u diġitalizzati fuq terminu itwal.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

Ma huwa mistenni l-ebda impatt ieħor. L-għażla ta' politika 2 hija mistennija li tikkontribwixxi għal simplifikazzjoni sostanzjali tal-ippjanar u tal-governanza tal-infrastruttura fl-Unjoni, kif ukoll għall-ħruġ tal-permessi (ara t-Taqsima 8.2.).

Proporzjonalità

Il-valutazzjoni hija li permezz tal-għażla ta' politika 2 jista' jintlaħaq l-objettiv tal-Pakkett dwar il-Grilji Ewropej b'mod effettiv u effiċjenti, mingħajr kostijiet addizzjonali sinifikanti għall-atturi rilevanti. Ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi ta' din l-inizjattiva u għalhekk titqies proporzjonali.

D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?

Il-Kummissjoni se timmonitorja u se tevalwa l-impatti tal-leġislazzjoni skont sett ta' indikaturi (ara t-Taqsima 9) li jippermettu li jitkejjel il-progress fl-ilħuq tal-objettivi speċifiċi u operazzjonali. Rieżami tal-effettività tal-leġislazzjoni l-ġdida jista' jsir sa tmiem l-2032, meta t-tieni proċess tal-għażla tal-PCIs u tal-PMIs skont il-qafas il-ġdid għandu jkun lest.